



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Shif-2-Rail

għas-sena finanzjarja 2017

Flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta

WERREJ

	Paragrafu
Introduzzjoni	1 - 12
Stabbiliment tal-Impriża Konġunta Shift2Rail	1 - 2
Governanza	3 - 6
Objettivi	7 - 8
Riżorsi	9 - 11
L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni	12
Opinjoni	13 - 25
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	14
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet	15
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	16
Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza	17 - 19
Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi	20 - 25
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	26 - 32
Implimentazzjoni tal-baġit għall-2017	26 - 27
Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020	28 - 32
Kontrolli interni	33 - 37
Qafas ta' kontroll intern	33 - 36
Proċeduri ta' akkwist	37
Kwistjonijiet oħra	38
Mobilizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija	38
Informazzjoni dwar l-evalwazzjonijiet tal-kummissjoni	39 - 40

Anness - Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Ir-risposta tal-Impriża Konġunta

INTRODUZZJONI

Stabbiliment tal-Impriża Konġunta Shift2Rail

1. L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Ġunju 2014¹ għal perjodu ta' 10 snin u bdiet topera b'mod awtonomu fl-24 ta' Mejju 2016. L-Impriża Konġunta bdiet l-operazzjonijiet awtonomi fl-2016 u l-kontijiet ta' din is-sena huma t-tieni sett ta' rapporti finanzjarji tal-S2R li ġew awditjati mill-QEA.
2. L-Impriża Konġunta S2R hija sħubija pubblika-privata fis-settur ferrovjarju. Il-membri fundaturi huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni u mis-sħab fl-industrija ferrovjarja (partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi manifatturi ta' tagħmir ferrovjarju, kumpaniji ferrovjarji, maniġers tal-infrastruttura u ċentri tar-riċerka). Entitajiet oħra jistgħu jipparteċipaw fl-Impriża Konġunta bħala membri assoċjati.

Governanza

3. L-istruttura ta' governanza tal-Impriża Konġunta S2R tinkludi l-Bord ta' Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv, il-Kumitat Xjentifiku u l-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati.
4. Il-Bord ta' Tmexxija huwa magħmul minn 22 membru, b'2 rappreżentanti mill-Kummissjoni u rappreżentant wieħed minn kull membru tal-industrija. Huwa responsabbli għall-orjentazzjoni strateġika u l-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha. Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Impriża Konġunta.
5. Il-Kumitat Xjentifiku u l-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati huma korpi konsultattivi. Il-Kumitat Xjentifiku jipprovdi parir dwar il-prijoritajiet xjentifiċi u teknoloġiċi li għandhom jiġu indirizzati fil-programmi ta' ħidma annwali tal-Impriża Konġunta. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati jirrappreżenta lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi assoċjati mal-Programm Qafas

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

għar-Riċerka Orizzont 2020. Il-Grupp jista' joffri opinjonijiet dwar l-orjentazzjoni strateġika tal-Impriża Konġunta u dwar ir-rabtiet bejn l-attivitajiet tal-S2R u l-programmi rilevanti nazzjonali jew reġjonali ta' riċerka u innovazzjoni.

6. L-Istatuti tal-Impriża Konġunta S2R jistipulaw ukoll:

- rwol konsultattiv speċifiku għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji biex din tikkontribwixxi għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma tal-S2R, u biex tiżgura li l-attivitajiet tal-S2R iwasslu għal standards tekniċi li jkunu jiggarrantixxu l-interoperabbiltà u s-sikurezza;
- l-istabbiliment tal-Kumitati ta' Tmexxija tal-Programmi ta' Innovazzjoni, li jinkludu rappreżentanti tal-membri fundaturi u tal-membri assoċjati, kif ukoll dawg tal-Uffiċċju tal-Programm tal-S2R, li huma inkarigati mill-input tekniku u mill-impimentazzjoni ta' kull Programm ta' Innovazzjoni;
- il-possibbiltà li jinħolqu gruppi ta' ħidma ta' esperti biex jassistu lill-Impriża Konġunta fit-twettiq tal-kompiti tagħha.

Objettivi

7. L-Impriża Konġunta S2R inħolqot biex tipprovdi pjattaforma ta' kollaborazzjoni għas-settur ferrovjarju biex imexxi 'l quddiem l-innovazzjoni bl-għan li tiżdied il-kompetittività tas-sistema ferrovjarja u tissaħħaħ is-sistema tat-trasport ferrovjarju fl-Ewropa. Inizjattiva ewlenija għall-ilħuq ta' dan l-għan hija l-ħolqien ta' Żona Ferrovjarja Unika Ewropea (SERA)².

8. L-Impriża Konġunta tfittex li tiżviluppa, tintegra, turi u tivvalida teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi li jirrispettaw l-istandards l-aktar stretti ta' sikurezza, bil-ħsieb li tikseb:

- tnaqqis ta' 50 % fl-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja tat-trasport ferrovjarju;

² Aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: <http://shift2rail.org>.

- żieda ta' 100 % fil-kapaċità tas-sistema tat-trasport ferrovjarju;
- żieda ta' 50 % fl-affidabbiltà u l-puntwalità tas-servizzi ferrovjarji;
- it-tneħħija tal-ostakli tekniċi li għad baqa' għall-interoperabbiltà u l-effiċjenza;
- tnaqqis fl-esternalitajiet negattivi marbuta mat-trasport ferrovjarju, b'mod partikolari l-istorbju, il-vibrazzjonijiet, l-emissjonijiet u effetti ambjentali oħrajn.

Riżorsi

9. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta S2R hija ta' EUR 450 miljun, li għandha tiġi ffinanzjata mill-programm Orizzont 2020. Dan l-ammont jinkludi EUR 52 miljun li ġew assenjati għall-Programm ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Orizzont 2020 għall-perjodu 2014-2015 (Proġetti emblematiċi) li sa issa huwa mmaniġġjat mill-Kummissjoni Ewropea. Dan jirriżulta f'allokazzjoni ta' EUR 398 miljun lill-Impriża Konġunta S2R³. Il-membri tal-industrija tal-Impriża Konġunta għandhom jikkontribwixxu riżorsi ta' mill-inqas EUR 470 miljun⁴, li jikkonsistu f'mill-inqas EUR 350 miljun f'kontribuzzjonijiet *in natura* u kontribuzzjonijiet fi flus kontanti għall-attivitajiet operazzjonali u l-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta, flimkien ma' mill-inqas EUR 120 miljun f'kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali⁵.

³ L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2014.

⁴ L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2014.

⁵ Kif previst fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 642/2014, l-attivitajiet addizzjonali mhumiex fil-pjan ta' ħidma u fil-baġit tal-Impriża Konġunta iżda jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Pjan Regolatorju tal-S2R. F'konformità mal-Artikolu 4(4) tal-istess Regolament, l-ispejjeż tal-attivitajiet addizzjonali jridu jiġu ċċertifikati minn awditur indipendenti estern u mhumiex suġġetti għall-awditjar mill-Impriża Konġunta, mill-QEA jew minn kwalunkwe korp tal-UE.

10. L-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta S2R huma limitati għal EUR 27 miljun, li għandhom ikunu koperti mill-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti li jsiru mill-membri, u jinqasmu b' mod ugwali fuq bażi annwali bejn l-UE u l-membri tal-industrija⁶.

11. Fl-2017, il-baġit finali għall-Impriża Konġunta S2R kien ta' EUR 44,1 miljun (2016: 52,3). Fil-31 ta' Diċembru 2017, l-Impriża Konġunta kellha 19-il membru tal-persunal impjegati magħha (2016: 17). Il-baġit finali aktar baxx għall-2017 huwa konsegwenza diretta tal-konferma mill-Kummissjoni Ewropea biex ikomplu jiġu amministrati l-Proġetti Emblematici⁷.

L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni

12. F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni kkompletat l-evalwazzjoni *interim* tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta. Din ġiet segwita minn pjan ta' azzjoni m'ħejji mill-Impriża Konġunta biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet li saru fl-evalwazzjoni. Din id-darba, aħna ninkludu taqsima li hija relatata mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Impriża Konġunta b'rispons għall-evalwazzjoni *interim*, u li hija intenzjonata biss għal skopijiet ta' informazzjoni u ma tiffurmax parti mill-opinjoni jew mill-osservazzjonijiet tagħna tal-awditjar.

⁶ L-Artikolu 16(2) tal-Istatuti tal-Impriża Konġunta S2R (l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 642/2014).

⁷ L-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 642/2014 jipprevedi kontribuzzjoni addizzjonali mill-UE li tammonta għal EUR 52 miljun, għall-Impriża Konġunta S2R f'każ li tiegħu f'idejha l-ġestjoni tal-Programm ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Orizzont 2020 għall-perjodu 2014-2015 (hekk imsejja Proġetti emblematiċi).

OPINJONI

13. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁸ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁹ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

14. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2017, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

15. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

16. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

⁸ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁹ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza

17. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta, il-maniġment huwa responsabbli mit-tnejnija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tnejnija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-awtoritajiet li jirregolawhom. Il-maniġment tal-Impriża Konġunta jerfa' r-responsabbiltà aħħarja għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

18. Fit-tnejnija tal-kontijiet, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-Impriża Konġunta li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga, kif applikabbli, kwistjonijiet relatati ma' negozju avvjat u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat.

19. Dawk inkarigati mill-governanza huma responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-entità.

Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

20. L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew lil awtoritajiet ta' kwittanza rispettivi oħra b' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li awditu dejjem se jaqbad dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b' mod raġonevoli, li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi li l-utenti jieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet.

21. Awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet

ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru dawk il-valutazzjonijiet tar-riskji, jitqies il-kontroll intern rilevanti għat-tnejja u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jifasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi, iżda mhux bl-iskop li tingħata opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi li jsiru mill-maniġment, u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

22. Għad-dħul, aħna nivverifikaw is-sussidju li jiġi riċevut mingħand il-Kummissjoni u nivvalutaw il-proċeduri tal-Impriża Konġunta għall-ġbir ta' tariffi u ta' introjtu ieħor.

23. Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi) fil-punt meta jsiru.

24. Fit-tnejja ta' dan ir-rapport u l-Opinjoni, aħna qisna x-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Impriża Konġunta kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE¹⁰.

25. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-QEA.

ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Implimentazzjoni tal-baġit għall-2017

26. Il-baġit finali għall-2017 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 68,6 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 44,1 miljun. Ir-rati ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 94 % u 79 %, rispettivament. Il-biċċa l-kbira mill-pagamenti li saru mill-Impriża Konġunta fl-2017 kienu pagamenti ta' prefinanzjament għal proġetti ta' Orizzont 2020, magħżula taħt is-sejthiet għal proġetti tal-2017.

¹⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

27. Fi tmiem l-2017, l-Impriża Konġunta kellha approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati minn snin preċedenti li jammontaw għal madwar EUR 7,6 miljun. Din is-sitwazzjoni turi dgħufijiet fil-proċess ta' ppjanar tal-baġit li, madankollu, l-Impriża Konġunta ma tistax tikkontrolla bis-sħiħ.

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020

28. Mill-ammont massimu ta' EUR 398 miljun f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti li għandhom jiġu allokati mill-UE għall-Impriża Konġunta S2R tul iċ-ċiklu ta' ħajja tagħha, l-UE kienet ikkontribwiet total ta' EUR 83,2 miljun fi flus kontanti, sa tmiem l-2017.

29. Mill-ammont ta' mill-inqas EUR 350 miljun f'kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet operazzjonali u l-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta tul iċ-ċiklu ta' ħajja tagħha, sa tmiem l-2017, il-membri kienu rrapportaw EUR 34,9 miljun f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali, li minnhom EUR 3 miljun kienu ġew iċċertifikati. Barra minn hekk, il-Bord ta' Tmexxija kien ivalida EUR 4,9 miljun f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mill-membri tal-industrija għall-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta.

30. Mill-ammont ta' mill-inqas EUR 120 miljun f'kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija għal attivitajiet nazzjonali li ma jkunux fil-programm ta' ħidma tal-Impriża Konġunta, sa tmiem l-2017, il-membri kienu diġà rrapportaw EUR 130 miljun (108 %), li minnhom EUR 86,3 miljun kienu ġew iċċertifikati. Madankollu, peress li ma għandna l-ebda dritt li nawditjaw il-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri għal attivitajiet addizzjonali, aħna ma nistgħux nipprovdu opinjoni dwar in-natura, il-kwalità u l-kwantità tagħhom.

31. Konsegwentement, sa tmiem l-2017, il-kontribuzzjonijiet totali mill-membri tal-industrija ammontaw għal EUR 169,8 miljun, (li minnhom 76 % huma kontribuzzjonijiet għal attivitajiet addizzjonali), filwaqt li l-kontribuzzjoni fi flus kontanti mill-UE ammontat għal EUR 83,2 miljun (ara wkoll il-paragrafu 38).

32. Mill-baġit massimu ta' EUR 411,5 miljun għall-attivitajiet operazzjonali u amministrattivi tal-Impriża Kongunta¹¹, din kienet għamlet impenji ta' EUR 158,8 miljun u pagamenti ta' EUR 78,6 miljun, sa tmiem l-2017. Dan juri li l-Impriża Konġunta attwalment iffirmit ftehimiet ta' għotja pluriennali interdipendenti u kuntratti ta' akkwist għall-implimentazzjoni ta' 39 % tal-programm ta' rikerka u innovazzjoni tal-S2R, f'konformità mal-programm ta' ħidma pluriennali tal-Impriża Konġunta.

KONTROLLI INTERNI

Qafas ta' kontroll intern

33. L-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Is-sitwazzjoni fi tmiem l-2017 indikat li, fil-biċċa l-kbira, l-istandards ta' kontroll intern l-aktar importanti kienu ġew implimentati, u xi wħud mill-azzjonijiet l-oħra għandhom jiġu kkompletati fl-2018, bħat-tweqqiq tal-ittestjar tal-Pjan tal-Kontinwità tan-Negożju.

34. Is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditjar *ex post* tal-klejms għall-ispejjeż ta' proġetti taħt il-programm Orizzont 2020. Fl-2017, l-Impriża Konġunta - flimkien mas-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tad-DĠ RTD - niedet l-ewwel awditu *ex post* ta' kampjun aleatorju ta' klejms għall-ispejjeż *interim* relatati mal-programm Orizzont 2020 li, madankollu, ir-riżultati tiegħu mhumiex se jiġu rrapportati flief fir-Rapport Annwali tal-Attività 2018 tal-Impriża Konġunta.

35. Ibbażat fuq valutazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern tal-Impriża Konġunta, u fuq ittestjar sostantiv tal-operazzjonijiet ta' dħul, ta' pagamenti, ta' għotjiet u ta' akkwist, ir-riżultati tal-awditjar ipprovdewlna aċċertament raġonevoli li r-rata kumplessiva tal-iżball residwu għall-Impriża Konġunta huwa taħt il-livell ta' materjalità.

¹¹ Dan l-ammont jinkludi l-kontribuzzjoni massima fi flus kontanti mill-UE għall-ispejjeż operazzjonali u amministrattivi tal-Impriża Konġunta u l-kontribuzzjoni fi flus kontanti mill-membri tal-industrija għall-ispejjeż amministrattivi tagħha ta' EUR 13,5 miljun.

36. Fi tmiem l-2017, kienu għadhom ma sarux l-iżviluppi speċifiċi meħtieġa fl-għodod komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-għotjiet, taħt il-programm Orizzont 2020, biex dawn ikunu jistgħu jipproċessaw il-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-Impriża Konġunta.

Proċeduri ta' akkwist

37. Xi nuqqasijiet kwalitattivi ġew osservati fil-proċedura miftuħa tal-Impriża Konġunta għall-akkwist ta' servizzi relatati mal-komunikazzjoni u l-avvenimenti għal baġit stmat ta' EUR 1,2 miljun fuq perjodu ta' erba' snin.

KWISTJONIJIET OĦRA

Mobilizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija

38. Wieħed mill-oġettivi prinċipali tal-Impriża Konġunta huwa li timmobilizza l-kontribuzzjonijiet li jsiru mill-membri tal-industrija fil-qasam tal-attivitajiet tagħha¹². Il-fattur minimu ta' mobilizzazzjoni li għandu jinkiseb skont ir-Regolament fundatur tal-Impriża Konġunta huwa ta' 0,88¹³, jekk jitqiesu biss il-kontribuzzjonijiet li jsiru mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet li huma direttament koperti mill-programm ta' ħidma tagħha. Il-fattur minimu ta' mobilizzazzjoni jiżdied għal 1,18¹⁴ jekk il-kontribuzzjonijiet li jsiru mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet addizzjonali li ma jkunux fil-programm ta' ħidma tal-Impriża Konġunta jiġu inklużi b' mod ugwali. Madankollu, peress li ma għandna l-ebda dritt li

¹² Il-Premessa 10 tar-Regolament (UE) Nru 642/2014 tiddikjara li l-parteċipazzjoni sostanzjali tal-industrija hija element essenzjali tal-inizjattiva Shift2Rail (S2R). Għalhekk, huwa fundamentali li l-baġit pubbliku għall-inizjattiva S2R ikun mill-inqas ikkumplimentat mill-kontribuzzjonijiet li jsiru mill-industrija.

¹³ L-ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet tal-membri tal-industrija għall-attivitajiet operazzjonali tal-Impriża Konġunta (EUR 350 miljun) diviż bil-kontribuzzjoni massima fi flus kontanti mill-UE għall-Impriża Konġunta (EUR 398 miljun).

¹⁴ It-total tal-ammont minimu tal-kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet operazzjonali u dawk addizzjonali tal-Impriża Konġunta (EUR 470 miljun) diviż bil-kontribuzzjoni massima fi flus kontanti mill-UE għall-Impriża Konġunta (EUR 398 miljun).

nawditjaw il-kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali, aħna ma nistgħux niprovdu opinjoni dwar in-natura u l-kwalità ta' dawn il-kontribuzzjonijiet¹⁵.

INFORMAZZJONI DWAR L-EVALWAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI

39. L-Evalwazzjoni *Interim*¹⁶ tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta S2R li l-Kummissjoni wettqet kienet tkopri l-perjodu 2014-2016, u saret bl-assistenza ta' esperti indipendenti kif previst fir-Regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta S2R¹⁷. L-evalwazzjoni kopriet il-prestazzjoni tal-Impriża Konġunta f'termini ta' rilevanza, effiċjenza, effettività, koerenza, u valur miżjud tal-UE, filwaqt li ttieħdu wkoll inkunsiderazzjoni t-trasparenza u l-kwalità tar-riċerka. Il-Kummissjoni qieset ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet fir-rapport li bagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Ottubru 2017¹⁸.

40. B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi¹⁹, l-Impriża Konġunta ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie adottat mill-Bord ta' Tmexxija fit-28 ta' Ġunju 2018. Filwaqt li mhux ir-rakkomandazzjonijiet kollha li saru fl-Evalwazzjoni *Interim* se jiġu indirizzati taħt il-Programm

¹⁵ Skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2014 l-ispiża tal-attivitajiet addizzjonali tiġi ċċertifikata minn awditur estern indipendenti maħtur mill-Impriża Konġunta. Madankollu, l-ispiża għal dawn l-attivitajiet ma għandhiex tkun awditjata mill-Impriża Konġunta jew minn kwalunkwe korp tal-Unjoni.

¹⁶ Evalwazzjoni *interim* dwar l-Impriża Konġunta S2R (2014-2016) li topera taħt Orizzont 2020. <https://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/s2r.pdf>

¹⁷ L-Artikolu 11 tal-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 dwar l-Impriża Konġunta S2R .

¹⁸ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat: Interim Evaluation of the Joint Undertakings operating under Horizon 2020 (Evalwazzjoni *Interim* tal-Impriża Konġunta li joperaw taħt Orizzont 2020) {SWD(2017) 339 final}.

¹⁹ Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi jinkludu l-ħtieġa li tiżdied il-kollaborazzjoni mal-Impriża Konġunta tat-Trasport (SESAR, Clean Sky u FCH); li jiżdied il-bilanċ tal-parteċipanti fl-attivitajiet tal-S2R; li jsir użu ulterjuri mill-Kumitat Xjentifiku tal-Impriża Konġunta, mill-Kunsill Konsultattiv għar-Riċerka Ewropea fil-Ferroviji (ERRAC), u mill-korpi konsultattivi sabiex jipprovdu pariri tekniċi u strateġiċi; u li jiġu eżaminati l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni tal-Impriża Konġunta, li jitqiesu li huma wisq, u f'ċerti kwistjonijiet, mhux xierqa.

Qafas Finanzjarju attwali²⁰, xi wħud mill-azzjonijiet inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni diġà nbde²¹, filwaqt li oħrajn, skont in-natura tagħhom u l-qafas legali attwali, huma mistennija li jiġu implimentati fil-perjodu mill-2018 sal-2020²².

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Neven MATES, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-2 ta' Ottubru 2018.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President

-
- ²⁰ Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Impriża Konġunta jirrikonoxxi li ċerti rakkomandazzjonijiet bħall-ħtieġa li jsir titjib fil-bilanċ tal-parteċipanti fl-Impriża Konġunta, jew li jkun hemm fokus akbar fuq l-isfidi ewlenin tas-soċjetà, ma ġewx koperti b'mod suffiċjenti fl-S2R u jeħtieġ li jiġu indirizzati aktar fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.
- ²¹ Diġà ġew stabbiliti kuntatti regolari mal-Impriżi Konġunti l-oħra biex jinħolqu sinġeriji bejn il-programmi differenti; l-iskema tal-Għotjiet ta' Somom f'Daqqa ġiet introdotta fil-Programm ta' Ħidma Annwali 2018 biex tiżdied is-simplifikazzjoni.
- ²² L-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati jinkludu: l-istedina lill-membri assoċjati tal-impriża Konġunta biex iżidu l-impenn tagħhom fl-S2R sabiex partijiet terzi jkunu jistgħu jipparteċipaw aktar permezz tal-attivitajiet tal-membri assoċjati; l-għażla ta' membri ġodda tal-Kumitat Xjentifiku; l-eżaminar tal-Pjan ta' Azzjoni Pluriennali tal-S2R (il-Parti B) biex jiġi allinjat mal-fehma eżekuttiva tal-S2R li ġiet adottata mill-Bord ta' Tmexxija f'Ottubru 2017 (il-Parti A); u l-istabbiliment ta' mudell ġdid tal-KPIs f'konformità mal-Objettivi tar-Regolament tal-Kunsill dwar l-S2R.

AnnessSegwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejjja / Pendenti)
2016	Strateġija kontra l-frodi	
	L-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi fil-qasam tar-riċerka hija obligatorja għall-Impriża Konġunta S2R. Madankollu, fi tmiem l-2016, l-Impriża Konġunta kienet għadha ma wettqitx valutazzjoni speċifika tar-riskju kontra l-frodi, u lanqas ma kienet stabbiliet pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija proprja tagħha kontra l-frodi, ibbażata fuq il-metodoloġija pprovduta mill-Kummissjoni.	Ikkompletati

IT-TWEĠIBA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

27. Il-proċess baġitarju tas-soltu jipprevedi li għal kull sena finanzjarja l-Kummissjoni tħallas lill-Impriża Konġunta l-ewwel pagament għall-ħabta ta' Marzu biss. Għaldaqstant l-Impriża Konġunta kkunsidrat l-ammont sħiħ ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati minn snin preċedenti fl-ippjanar baġitarju tagħha għall-2017, biex tkopri l-pagamenti tal-ewwel tliet xhur fl-2018.

37. Fir-rigward tal-proċedura ta' akkwist għal kuntratt qafas ta' servizzi ta' komunikazzjoni u avvenimenti, l-Impriża Konġunta ddeċidiet li ma tintroduċix kapaċità finanzjarja minima sabiex ma tiskoraġġix il-parteċipazzjoni ta' SMEs għas-sejħa għal offerti, riskju li l-Impriża Konġunta xtaqet ittaffi. Fil-fatt, id-definizzjoni ta' livelli ta' kapaċità finanzjarja minimi huma ostakli magħrufa sew għal parteċipanti ġodda.

Fl-istess proċedura, Lott 4 ġie kkanċellat minħabba li s-soluzzjoni teknika proposta mill-offerta li rebħet ippermettiet li s-servizzi ppjanati inizjalment għal żewġ lottijiet ikunu inkorporati f'lott wieħed. Din is-soluzzjoni rriżultat f'iffrankar ta' riżorsi finanzjarji. F'dan il-kuntest, l-Impriża Konġunta kkonformat b'mod sħiħ mal-Artikolu 114 tar-Regolament Finanzjarju ("Kanċellazzjoni ta' proċedura ta' akkwist").

38. L-Impriża Konġunta S2R tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-membri minbarra l-Unjoni diġà pprovdeu ICAA ċertifikati ferm aktar mill-mira regolatorja. Dawn il-kontribuzzjonijiet huma ċertifikati f'konformità mal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar

Il-fattur tal-ingranaġġ skont ir-regolament bażiku tal-Impriża Konġunta huwa 1.24¹ u 1,66² rispettivament meta jiġu kkunsidrati l-kontribuzzjonijiet tal-Membri minbarra tal-Unjoni biss.

¹ L-ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet tal-membri tal-industrija għall-attivitajiet operazzjonali tal-Impriża Konġunta (EUR 350 miljun) diviż bil-kontribuzzjoni massima fi flus kontanti mill-UE għall-Impriża Konġunta allokatu bir-Regolament tal-S2R lill-Membri minbarra l-Unjoni (EUR 282.5 miljun).

² Meta wieħed jikkunsidra t-total ta' kontribuzzjonijiet minimi mill-membri tal-industrija għall-attivitajiet operazzjonali u dawk addizzjonali tal-Impriża Konġunta (EUR 470 miljun)